

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: M. Heikkilä, W. Broere, C. Buchanan u A. Hautamäki, aġenti, assistiti inizjalment minn S. Raes, avukat)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: inizjalment minn D. Colas, E. de Moustier u J. Traband, sussegwentement minn D. Colas, J. Traband u A.-L. Desjonquères, aġenti), ClientEarth (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: P. Kirch, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ED/30/2017 tad-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA, tas-6 ta' Lulju 2017, li biha l-entrata eżistenti marbuta mal-bisfenol A fil-lista ta' sustanzi identifikati bil-ħsieb li jiġu eventwalment inklużi fl-Anness XIV, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 136, p. 3), konformement mal-Artikolu 59 ta' dan ir-Regolament, ġiet ikkompletata fis-sens li l-bisfenol A ġiet identifikata wkoll bħala sustanza li tippossjedi proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali u li jista' jkollhom effetti serji fuq is-saħħa tal-bniedem li jagħtu lok għal livell ta' tħassib ekwivalenti għal dak ikkawżat mill-użu ta' sustanzi oħra elenkati fl-Artikolu 57(a) sa (e) tal-imsemmi regolament, fis-sens tal-Artikolu 57(f) tal-istess regolament.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *PlasticsEurope* għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u minn *ClientEarth*.
- 3) Ir-Repubblika Franċiża għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 382, 13.11.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2019 – Jinan Meide Casting vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-650/17) (¹)

(“Dumping – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2017/1146 – Importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw miċ-Ċina, immanifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd – Dazju antidumping definittiv – Tkompliġja tal-proċedimenti wara l-annullament parzjali tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 430/2013 – Artikolu 2(7)(a), (10) u (11) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (li sar l-Artikolu 2(7)(a), (10) u (11) tar-Regolament (UE) 2016/1036) – Valur normali – Paragun xieraq – Tipi ta' prodott mingħajr korrispondenza – Artikolu 3(1) sa (3) u Artikolu 9(4) u (5) tar-Regolament Nru 1225/2009 (li saru l-Artikolu 3(1) sa (3) u l-Artikolu 9(4) u (5) tar-Regolament 2016/1036) – Determinazzjoni tad-dannu”)

(2019/C 406/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Jinan Meide Casting Co. Ltd (Jinan, iċ-Ċina) (rappreżentanti: R. Antonini, E. Monard u B. Maniatis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, M. França u N. Kuplewatzky, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1146 tat-28 ta' Ġunju 2017 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, manifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd (ĠU 2017, L 166, p. 23).

Dispożittiv

- 1) *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1146 tat-28 ta' Ġunju 2017 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, manifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd, huwa annullat.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejż.*

(¹) ĠU C 374, 6.11.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2019 – Port autonome du Centre et de l'Ouest et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-673/17) (¹)

(Għajna mill-Istat – Skema ta' eżenzjoni mit-taxxa tal-kumpanniji implimentata mill-Belġju favur il-portijiet tiegħu – Deċiżjoni li tidikkjara l-iskema ta' għajna inkompatibbli mas-suq intern – Kunċett ta' attività ekonomika – Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali – Attivitàet mhux ekonomiċi – Natura indissoċjabbli – Natura selettiva – Artikolu 93 TFUE u Artikolu 106(2) TFUE)

(2019/C 406/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Port autonome du Centre et de l'Ouest SCRL (La Louvière, il-Belġju), Port autonome de Namur (Namur, il-Belġju), Port autonome de Charleroi, (Charleroi, il-Belġju), Port autonome de Liège (Liège, il-Belġju), Région wallonne (il-Belġju) (rappreżentanti: J. Vanden Eynde u E. Wauters, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u S. Noë, aġenti)

Intervenjent insostenn tar-rikorrenti: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: J.-C. Halleux, P. Cottin, L. Van den Broeck u C. Pochet, aġenti, assistiti minn A. Lepièce u H. Baeyens, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2115 tas-27 ta' Lulju 2017 dwar l-iskema ta' għajna SA.38393 (2016/C, eks 2015/E) implimentata mill-Belġju — It-taxxa fuq il-portijiet fil-Belġju (ĠU 2017, L 332, p. 1).

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*